**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 24 t' April 2018**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Ann Marie Xuereb)**

**Vs**

**GIULIO ZARB**

Kump Nru. 919/2009

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **Giulio** detentur tal-karta tal-identita bin-numru 657757M gie akkuzat talli:

1. f'dawn il-Gzejjer bejn Lulju 2004 u Lulju 2005 b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamilt uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifici foloz, jew billi nqdejt b'qerq iehor, ingann, jew billi wrejt haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprozi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamilt qligh ta' hamsin elf mija u tmienja u disghin ewro (€50,198) ghad-dannu ta' Edgar Busutttil minn Hal-Tarxien

2. Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni

wahda, approprjajt ruhek, billi dawwart bi profit ghalik jew ghal persun ohra, l-ammont ta' hamsin elf mija u tmienja  u disghin ewro (€50,198) ghad-dannu ta' Edgar Busuttil minn Hal Tarxien, liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilek taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnhom specifikat u liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilek minhabba l-professjoni, indistrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghek, jew minhabba depozitu necessarju.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-lum stess 24 t'April 2018

Semghet lill-ufficjali prosekutur bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Semghet l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat ghal-ewwel imputazzjoni dedotta anki wara li inghata z-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-ufficjal prosekutur kif wkoll tad-difensur ta` l-imputat, in tema ta' piena.

**Ikkunsidrat**;

Illi la darba l-imputat irregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-ewwel imputazzjoni kif migjuba kontra tieghu, u wara li ghamlet l-accertamenti kollha mehtiega skond il-ligi meta ssir ammissjoni tali, u wara li qieset sew l-istqarrija tal-imputat, il-Qorti tiddikjara li l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu tinsab sodisfacentement ippruvata u ghalhekk ma ghandiex triq ohra hlief li tghaddi biex tiddikjarah hati taghha u taghti s-sentenza relattiva.

**Ikkunsidrat**;

Illi in tema ta' piena l-Qorti qieset, *inter alia*, is-segwenti fatturi :

1. L-ammissjoni ta` Giulio Zarb. Illi kif gia gie ritenut kemm il-darba mill-Qrati ta` Gustizzja Kriminali, l-ammissjoni ma taghtix xi dritt awtomatiku ghal riduzzjoni fil-piena. Din il-Qorti pero` qed tiddikjara minnufih li fil-kalibrazzjoni tal-piena sejra tati lill-hati l-beneficcju li ggib maghha ammissjoni. Wiehed ma jridx jinsa pero` l-pieni

kkontemplati mill-ligi ghar-reat addebitat u li ghalih ammetta Giulio Zarb (apparti konsiderazzjonijiet ta` reat kontinwat – artikolu 18 Kap 9).

2. Il-fedina penali ta` Giulio Zarb;
3. Il-fatt li l-imputat ma hallas xejn lura lill-vittma Edgar Busuttil;

Illi certament, dawn il-fatturi kollha qed jittiehdu in konsiderazzjoni u certament ukoll li lkoll ser ikunu riflessi fil-piena li l-Qorti tinfliggi. Din il-Qorti hi tal-fehema li Qorti li tkun, meta tigi biex tikkalibra l-piena, ma ghandha qatt tinsa li hija trid u tigi msejha sabiex taghmel il-gustizzja skond il-ligi, fejn anke ghandu jkun hemm konsiderazzjonijiet ta' prestituzzjoni ghad-danni sofferti mill-vittma.

Il-Qorti necessarjament trid tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni (dik ta' approprijazzjoni in debita) stante li din tkun inghatat bhala wahda alternattiva ghall-ewwel, u dana peress li l-imputat ammetta ghall-ewwel imputazzjoni.

**Decide**

GHAL DAWN IL-MOTIVI L-QORTI, wara li rat l-Artikoli 17, 18, 31, 308, 309, 310(1)(a), 293 u 294 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta, fil-waqt li tastjeni, ghar-ragunijiet ga msemmija milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni, **issib lill-imputat Giulio Zarb hati ta` l-ewwel imputazzjoni kif migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal tmintax-il xahar (18) prigunerija.**

Tiddikjara, wara li semghet lil Edgar Bususttil, li l-imputat huwa debitur f'ammont cert, likwidu u dovut versu l-istess Edgar Busuttil fis-somma ta' €50,198 u konsegwentament qed tordna lill-imputati ihallas skond il-ligi s-somma ta' €50,198 lil Edgar Busuttil.

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur